# BLA ĦTIJA

Waħdi, magħluq f'kamarti, b'dad-dawl ċkejken
inemnem ħdejja: barra t-tieqa tiegħi
dlam, dlam, u f'dak id-dlam iwerdnu l-ħsejjes
ta' ajruplan li qiegħed jishar miegħi.

Daqq nofs il-lejl, għajni ma tridx tmur bija:
ġo moħħi għaddejjin sensiela twila
ta' ħsebijiet... ta' ħsebijiet imħawda,
xhieda tal-ħajja li qed ngħix, qalila.

Għalfejn il-ġid (naħseb bejni w bejn ruħi)
il-ġid li qiegħed nagħmel, u x'jiswieli
li nħobb bis-saħħa ta' żagħżugħ bla hjiena,
jekk qalbi, min ħabbejt, bl-imrar imlieli?

Għalfejn il-ġid, jekk l-GĦIRA b'daħka kiesħa
tidħak urajja? jekk tal-ħbieb il-wegħda
minn ta' l-imħabba tfarrket, u ġo ruħhom,
ġo demmhom issa tħaltet il-mibegħda?

Waħdi, magħluq f'kamarti b'dad-dawl ċkejken
inemnem ħdejja: barra t-tieqa tiegħi,
issa fil-b'għod, issa fil-qrib, jinstama'
ġej l-ajruplan li qiegħed jishar miegħi.

Int, ajruplan, (igħidu) ma tafx ħniena:
kemm tixbah lilek l-Għira tal-bnedmin,
bla kelma jew bla ħabar, tiżra' l-qirda
u tikser ir-rabtiet ta' qlub safjin.

Tħabrek il-GĦIRA, u taħdem mingħajr heda
f'qalb min issaltan l-għanja tal-mibegħda.

ĠUŻE CHETCUTI